MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tal-15 ta' Dicembru, 2010

Appell Kriminali Numru. 327/2010

**Il-Pulizija**

**v.**

**Mariella Caruana**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra l-imsemmija Mariella Caurana talli nhar-it 8 ta’ Mejju,2010 ghall- habta tal-16:00 hrs, meta hekk ordnata mill-Qorti jew marbuta bil-kuntratt biex taghti access lil Anthony Caruana ghal uliedha, irrifjutat li taghmel hekk minghajr raguni xierqa;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-5 ta’ Lulju 2010 li permezz taghha dik il-Qorti, wara li rat l-artikolu 338(ll) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lill imsemmija Mariella

Caruana hatja ta’ l-imputazzjoni dedotta u kkundannatha gimgha detenzjoni;

Rat ir-rikors ta’ l-appell ta’ Mariella Caurna pprezentat fit-13 ta’ Lulju 2010 li permezz tieghu talab li din il-Qorti thassar, tirrevoka u tikkancella s-sentenza appellata b’dan li ma ssibhiex hatja ta’ l-imputazzjoni dedotta u minnha tilliberaha biex b’hekk tilliberaha minn kull htija, jew alternattivament tvarja s- sentenza f’dik il-parti li tikkoncerna l-piena nflitta fuqha billi timponi piena anqas harxa;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet il-provi;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravji ta’ l-appellanti Mariella Caruana huma fil-qosor is-segwenti: (1) li s-sentenza appellata hi nulla ghax l-ewwel Qorti naqset milli tipprovdi l-fatti fuq liema l-appellanti nstabet hatja u dan bi ksur ta’ l-artikolu 382 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta; (2) li n-nuqqas ta’ access ma sarx minghajr raguni xierqa; (3) li c-cirkostanzi partikolari tal-kaz jindikaw li l-piena kellha tkun anqas harxa.

Dwar l-ewwel aggravju l-appellanti tissottometti illi s-sentenza appellata ma tikkonformax mar-rekwiziti mehtiega *ad validitatem* skond l-artikolu 382 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ghax l-ewwel Qorti naqset milli tipprovdi l-fatti fuq liema nstabet hatja. Issa, l-artikolu 382 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta jiddisponi hekk:

**“Il-qorti, meta taghti s-sentenza kontra l-imputat, ghandha tghid il-fatti li taghhom dan ikun gie misjub hati, taghti l-piena u ssemmi l-artikolu ta’ dan il-Kodici jew ta’ kull ligi ohra li tkun tikkontempla r-reat.”**

Meta l-artikolu 382 jirreferi ghall-fatti, qieghed jirreferi ghar-reati li taghhom l-imputat ikun gie misjub hati. Fis-

sentenza appellata hemm referenza ghall-imputazzjoni li taghha l-appellanti nstabet hatja, bhalma hemm ghall-elementi l-ohra mehtiega *ad validitatem*. Ghalhekk dan l-ewwel aggravju huwa michud.

Kwantu ghat-tieni aggravju l-appellanti tghid illi n-nuqqas ta' access sar ghal raguni xierqa, u specifikatament ghax Anthony Caruana stess ma marx fil-lok stabilit sabiex hija tghaddilu t-tfal. Mill-provi li semghet din il-Qorti jidher li l-access kellu originarjament isir fit-8 ta' Mejju 2010 izda billi kien Mother's Day Anthony Caruana dehrlu li kien aktar proprju li t-tfal jibqghu ma' l-appellanti u li minflok hu jehodhom fis-7 ta' Mejju 2010. Jidher li saret din il-proposta lill-appellanti tramite l-avukati izda hu ma rcieva l-ebda risposta u ghalhekk mar hdejn l-ghassa fit-8 ta' Mejju 2010. Sadattant l-appellanti hadet lit-tfal hdejn l-ghassa fis-7 ta' Mejju 2010 u billi zewgha ma deherx, ghamlet rapport f'das-sens l-ghassa. Qalet ukoll illi ghaddiet minn quddiem ir-residenza ta' zewgha u rat kullimkien maghluq. Tammetti allura li fit-8 ta' Mejju 2010 imbaghad ma haditx lil uliedha ghall-access.

Gie suggerit li dan kollu kien ir-rizultat ta' *misunderstanding*. Fil-fehma tal-Qorti dan hu kollu rizultat ta' *breakdown* totali fil-komunikazzjoni bejn il-partijiet li mhumiex kapaci jaqbdu telefon jew mobile u jcemplu lil xulxin biex "bhan-nies" jiccaraw xi ftehim jew proposta li jkunu saru dwar il-hinijiet ta' access. Naturalment f'dan il-kaz hija l-appellanti li trid tonora l-obbligu li tipprovdi l-access ta' uliedha lil missierhom u kien ghalhekk fl-interess taghha li tassigura li ma jkun hemm l-ebda *"misunderstanding"*. B'hekk *"misunderstanding"* ma jistax jitqies bhala "raguni xierqa" u konsegwentement in-nuqqas ta' l-appellanti jammonta ghal rifjut volut li tipprovdi l-access fit-8 ta' Mejju 2010.

Kwantu ghall-piena, pero`, ic-cirkostanzi huma tali li mhumiex indikattivi li hi meritata piena restrittiva tal-liberta`. Wara kollox ma kien hemm xejn x'izomm milli Anthony Caruana jaghmel kuntatt dirett ma' l-appellanti. Inoltre jidher li s-sitwazzjoni b'xi mod irrangat. Ghaldaqstant se jkun hemm temperament fil-piena.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tirriforma s-sentenza appellata, tirrevokaha in kwantu kkundannat lill-appellanti gimgha detenzjoni u minflok, a tenur ta’ l-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, tilliberaha bil-kondizzjoni li ma taghmilx reat iehor ghal zmien xahar millum, filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata in kwantu giet dikjarata l-htija ta’ l-appellanti ghall-imputazzjoni dedotta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------